# *MONS. ANNETTO DEPASQUALE ISQOF AWŻILJARJU*



**Waqt il-Konċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Publju 22 ta' Jannar 1999**

Lejn tmiem is-sena 1998, il-Mulej għoġbu jixħet grazzja kbira fuq il-knisja Tiegħu f'Malta, meta l-Q.T. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, innomina lill-Mons. Prof. Annetto Depasquale bħala Isqof Awżiljarju ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

L-Isqof Annetto Depasquale huwa magħruf biżżejjed mhux biss għall-għerf li bih għoġbu jżejnu l-Mulej iżda wkoll għall-virtujiet nobbli tal-prudenza u ta' l-umiltà li huwa jħaddan. Huwa verament bniedem ta' Alla li jedifika fl-ispiritwalità profonda tiegħu li dejjem fittex li jagħtiha l-ewwel post fil-programm ta' ħajtu. Dan jistgħu jixhduh mhux biss is-saċerdoti sħabu, mhux biss il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika li trabba fosthom, imma kull min ġie f'kuntatt miegħu. Bniedem li jagħmilhielek faċli li titkellem miegħu.L-isqof Annetto Depasquale, twieled f'Ħal Qormi nhar it-28 ta' Ġunju 1938; iben is-Sur Edgar Depasquale u s-Sinjura Grace nee` Coleiro. Tajjeb li ngħidu li l-ġenituri tiegħu ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes (Kappuċċini) - Floriana. Irċieva l-Ewwel Tqarbina fl-1943 meta kellu 5 snin, fl-agħar żmien tal-gwerra. U f'Ġunju 1945 irċieva l-Griżma ta' l-Isqof.

Wara li temm l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-Sorijiet ta' St. Joseph of the Apparition fil-Belt Valletta, u dik sekondarja fil-Liceo, u wara li ġie l-ewwel fl-eżami tal-Matrikola, f'Ottubru 1954 daħal fl-Università Rjali ta' Malta. F'Ottubru 1956 daħal is-Seminarju Maġġuri, fil-Floriana, biex iħejji ruħu għas-saċerdozju. Fl-1958 kiseb il-grad ta' Baċellerat fl-ARti mill-Università Rjali ta' Malta. Fl-1960 kiseb il-grad ta' Baċellerat fid-Divinità mill-istess Università. Hekk ukoll fl-1962 kiseb il-Liċenzjat fid-Divinità. Billi fl-1962 kien ġie l-ewwel fil-Fakultà tat-Teoloġija, ingħata Borża ta' Studju mill-Gvern biex jista' jkompli l-istudji tiegħu barra minn Malta.

Ġurnata sabiħa fil-ħajja ta' l-Isqof Annetto Depasquale kienet nhar is-7 ta' April, 1962 meta ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann mill-Arċisqof Mon.s Mikiel Gonzi. Fl-1963 telaq għal Ruma biex ikompli studji iżjed għoja fl-Università Pontifiċja tal-Lateran u jispeċjalizza fil-Liġi Kanonika. Kien minn din l-Università li fl-1964 ingħata l-Baċellerat fil-Liġi Kanonika; fl-1965 kiseb il-Liċenzjat fil-Liġi Kanonika; u fl-1967 ingħata l-lawrja ta' Duttur tal-Liġi tal-Knisja (J.C.D.)

Meta ġie lura Malta, fl-1967, ġie maħtur Assistent Direttur tal-*Pastoral Research Services (Malta)*, kariga li dam fiha sa l-1971. F'Ottubru 1968 inħatar lecturer, u mbagħad professir fil-Fakultà tat-Teoloġija u fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università Rjali ta' Malta. fis-6 ta' Awissu 1977, inħatar Kanċillier tal-Kurja ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

Fil-11 ta' Jannar 1980 ġie nominat Kanonku, bit-titlu ta' Monsinjur, tal-Kapitlu Metropolitan ta' Malta.

Fl-14 ta' April 1986 inħatar Segretarju Pastorali tal-Kurja ta' l-Arċisqof.

Fid-9 ta' Jannar 1989 inħatar Vigarju Ġenerali ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

fis-16 ta' Novembru 1998, Mons. Annetto Depasquale ġie nominat Isqof Awżiljarju ta' Mons. Arċisqof Metropolita ta' Malta mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

Nhar it-2 ta' Jannar, 1999, ġurnata li ma tintesà qatt, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, saret iċ-ċerimonja ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Annetto Depasquale.

Filwaqt li nuru s-sens ta' ferħ tagħna għall-għażla ta' Mons. Annetto Depasquale bħala Isqof Awżiljarju, inwegħduh rispett u ubbidjenza, fl-istess ħin nitolbu lill-Mulej li jagħtih id-dehem u l-għajnuniet kollha li jinħtieġ biex jagħraf imexxi u jaqdi lill-komunità nisranija fdata lilu bl-akbar imħabba.

Ad multos annos.

BRIGHTON GARAGE

Petrol, (Incl. Automatic Service) Accessories and Tyre Services

6, Crucifix Hill, Floriana. Tel: 238917